**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 73, miżmuma nhar il-Erbgħa 21 ta' Novembru 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Membri Preżenti:**

- Anne Fenech — Sindku
- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier

**Membri Skużati:**

- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier
- Edward Bugeja — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

# Minuti 73

Hekk kif infetħet il-laqgħa fil-17.30, ma kienx hemm quorum, allura s-Sindku spjegat li jridu jistennew nofs siegħa hekk kif titlob il-liġi.
Wara ftit minuti wasal il-Viċi Sindku Daniel Grima u bdiet il-laqgħa.

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittri ta' l-apologiji minn għand;
Il-Kunsillier – Mandy Buhagiar minħabba impenji familjari
Il-Kunsillier – Dr. Robert Piscopo minħabba impenji oħra.
Il-Kunsillier – Joseph Vella minħabba impenji ta' xogħol
Il-Kunsillier – Rodney Galea – minħabba impenji ta' xoghol
Il-Kunsillier – Paul Buġeja – minħabba li huwa msiefer
Il-Kunsillier – Edward Bugeja – minħabba mpenji ta' xogħol

Il-Kunsillier Alfred Grima jipropona sospenzjoni tal-Agenda sabiex jgħaddu għal l-iskeda ta' Pagamenti. Il-Viċi sindku ssekondaħ.

## 73.15 - Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti u approvazzjoni ta xiri ta' oggetti jew servizzi

### Item 749 – Printex

Il-Kunsillier Alfred Grima qajjem diskussjoni dwar dan il-pagament għaliex qatt f'Kemm ijlu fil-Kunsill (tlettax il-sena) ma ra pagament simili. Il-Kunsillier Graziella Galea nformat li qatt ma tgħat kas li kien hemm logo tal-Kunsill fuq ic-Cekijiet li jinħarġu. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) spjegat li kien hemm ordni kbira ta' dawn iċ-ċekijiet fil-passat u għalhekk dan l-pagament ma' telgħax ta' spiss għal approvazjoni.

Il-Kunsilliera Alfred Grima propona li tintalab spjegazzjoni mill-Accountant fuq dan il-*printing*.

Item 782/783 –
Il-Kunsillier Alfred Grima jiddikjara kunflitt ta' interess dwar dawn l-pagamenti.

Item 782 –
Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet jekk kienx hemm talba mil-Kunsill biex isir dan ix-xogħol. Spjegat ukoll li kien hemm korrispondenza fejn il-Kunsill qatt maċċetta li jitħallas. Tipropona ukoll li jinzamm dan il-pagament.

Item 783 –
Il-Kunsillier Graziella Galea talbet l-informazjoni dwar ix-xogħol li sar għal dan il-pagament. Is-Sindku nformat li dan xogħol rikjest mill-Kunsill li sar fuq il-Funtana tal-Bandli tal-Veċċ fejn imbgħad komplew bix-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.

Statement – Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li b'referenza għal pagament numru 773 il-Kunsill għadu qiegħed iħallas għal garaxx li t-Tender tiegħu ijlu li nalaq snin.

Item 784 –
Il-Kunsillier Alfred Grima li d-detalji prezentati huma vagi ħafna u qiegħed jitlob li jiġi ċċekkjat il-kontenut tat-Tender, il-kontijiet li diġa tħallsu, u verifikazzjoni tax-xogħolijiet li saru.

Item 786 –
Il-Kunsillier Graziella Galea saqsiet jekk inġabrux kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Id-Dettalji qedin jirreferu għal siġra waħda iżda fil-post imsemmi hemm aktar min siġra waħda.

Item 787 –
Il-Kunsillier Graziella Galea saqsiet jekk inġabrux kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. IS-SE informat li kienet kumpaija waħda li kwotat u l-Kunsill mexxa b'dik il-Kumpanija. Il-Kunsillier Stephen Cremona kompla jgħid li sar xoghol tajjeb ferm.

Item 791 –
Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li jaraħ bħala serq legalizzat. Għax ma jgħamilx sens li l-owner ta' dawn il-Domes huwa il-Green MT imbgħad irid iħallas l-Kunsill. Jixtieq li jiġi moqri l-Kuntratt sabiex jaraw. Il-Viċi Sindka qara silta mil-Kuntratt fejn ma kien imsemmi bl-ebda pagament lanqas li s-servizz huwa provdut b'xejn.
Il-Kunsliier Alfred Grima talab li jinzamm dan il-pagament sakemm tiġi ċċarata s-silta li hemm fil-Kuntratt.

Item 794 -
Il-Kunsillier Alfred Grima jitlob li jinżamm dan il-pagament sakemm rappreżentant mil-Mica Med jibgħat ir-risposti uffiċjali tal-mistoqsijiet li saru mil-Kunsill rigward dan is-shifting ta' dwal ta' triq il- Hzejjen u l-kaxxa 3 phase ta' triq Port Ruman

Item 796/797
Il-Kunsillier Alfred Grima saqsa jekk dan l-ammount huwiex skont it-Tender jew Direct Order? Is-SE weġbitu li huwa skont it-Tender prċedenti. Barra min hekk rigward il-pagament b'item 797 staqsa jekk dan jgħamilx parti mit-Tender u jekk le din ir-rata min fejn oriġinat. Fuq liema raġunijiet l-Kunsill għandu jħallas dan l-ammont?

Item 800
Il-Kunsillier Antoinette Bezzina ġibdet l-attenzjoni li l-kont ta' Freddi Portelli jidher għoli wisq.
Il-Kunsillier Alfred Grima għamel Point of Order fejn spjega li l-Budget tal-attivita ikun allokat u l-importanti hu li ma jinqabisx dan l-ammount. Il-Kunsillier Dounia Borg ikkonfermat li dan l-budget manqabisx. Il-Pagament ġie approvat.

ARMS BILL
Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa sabiex jiġġi diskuss dan l-item għal ftit minuti.

Wara d-diskussjoni kien hemm qbil li tinġabar l-informazzjoni neċessarja minn għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preċedenti u minn hemm jsir meeting bejn Is-SE, Il-Kunsillier Alfred Grima u Is-Sinj Silvio Scerri minn naħa tal-Arms.

## 73.4 - Twegibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Mistoqsijiet li għamel il-Kunsillier Paul Bugeja ser jiġu imtellajn f'laqgħa oħra minħabba li mhuwiex preżenti.
Il-Mistoqsijiet li għamel il-Kunsillier Joseph Vella ser jiġu imtellajn f'laqgħa oħra minħabba li mhuwiex preżenti.

Mistoqsija tal-Kunsillier Alfred Grima dwar il-Pink October u l-finanzi.

Fuq l-attività 1/10/18 Pink October: Kemm inġabru kwotazzjonijiet?
Fi x'ħin din is-sejħa fetħet u għalqet?
Meta u fi x' ħin ħarġet il-works order?
X'kien mikri u kemm kien l-ammont totali?

Fuq Finanzi: Inkun korrett jekk ngħid li l-kunsill waqaf jirċievi fondi minħabba li hemm aktar minn 5 miljun euro fondi tal-UIF?

## 73.5 - Rapport u approvazjoni tar-rapporti

Is-SE ikkonfermat li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi approvat.

## 73.7 - Qawra Traffic Managment

Is-SE qrat il-korrispondenz li ntbagħtet minn Transport Malta rigward it-tibdil tal-imaniġjar tat-traffiku li ser tinħoloq la darba tibda topera l-Iskola l-ġdida.
Kompliet tinforma li ġie mitlub li jsir meeting bejn Transport Malta (Sinj. Micheal Cohen) u l-Kunsill Lokali sabiex jiġi diskuss aktar fiul-fond is-suġġet.
l-Kunsillier Alfred Grima joġġezjona jekk isiru toqod one ways aktar milli diġa hemm.
Kompla billi qal li hemm toroq alternattivi li jiġu parallel mat-triq tal-Iskola u dawn

għandom jinfetħu kemm jista jkun malajr minn naħa ta TM. Fl-opinjoni tiegħu l-pjan ta' mmaniġjar tat-traffiku kellu jsir qabel ma saret id-deċizjoni li tinfetaħ skola hemm.
Il-Kunsill iddeċieda li din il-korrispondenza għanda tgħaddi għandhom sabiex tinqara u terġa titla għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

**73.8 - Gnien/ Playing Field tal- Vecc– Funtana / Gym**

Il-Viċi Sindku Daniel Grima spjega li sar meeting on site ma membri tal-MTA dwar il-bandli tal-vecc fejn ġie diskuss li flok l-funtana jista jsir Open Gym. L-MTA lesti iħalsu għal Open Gym u għal rampa għal aċċess iktar faċilitat. Dan lesti li jgħamluh b'kundizzjoni li l-bandli ikun imdawwar bil-ħadid.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li la l-Kunsill għandu l-Finanzi għandu isir xogħol sew mil-ewwel u l-Kunsill mgħandux għalfejn jitkarrab għal għajnuna mil-MTA. In-nies tal-Qawra haqqhom prodott tajjeb u sigur, mentri l-bandli kif jinsab illum il-gurnata mgħandux safety measures. Il-Kunsill għandu japplika għal fondi tal UIF.

Il-Kunsillier Graziella Galea spjegat li biex saru il-Bandli Thalasselejn kien hemm applikazzjoni għal fondi tal-UIF.

Is –SE spjegat li bħala miżura temporanju ser isiru CCTV cameras u qed isir xogħol sabiex il-bandli jidher aħjar temporanjament.
Is-Sindku kkomunikat li l-AKL għamlu talba biex l-bandli jingħalqu kollha. Is-SE spjegat li biex dan isir trid tinħareġ tender.

Il-Kunsillier Alfred Grima reġa' fakkar li zmien ijlu kien avviċina Bank li offra jgħamel il-proġett b'xejn u il-Kunsill kien irrifjuta.

Il-Kunsillier Graziella Galea għamlet statement li ma taqbilx li jsir xogħol mgħaġġel għal għajn in-nies iżda għandu jsir kif suppost, skond is-sengħa.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill huwiex ser jiddeċidi li jerġa jgħamel il-funtana jew ser jimxi mal-proposta tal-MTA.

Saret deċizjoni li l-Kunsill għandu jiddiskuti mal-MTA jekk humiex lesti li jgħamlu ix-xogħol u l-gym għal spejjes tagħom jekk jkun hemm ic CCTV cameras. Jekk l-MTA taqbel u mhemmx bżonn permessi l-Kunsill għandu jimxi bil-proposta tal-MTA.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħareġ tender għal ħadid biex il-bandli jingħalaq.

Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li għandu isir Maintenance Agreement sabiex l-prodott jinżamm f'kundizjoni tajba.

**73.9 - Xogħolijiet infrastrutturali fi Triq il-Kahli, Triq id-Duluri, Triq Ghawdex**

**Triq il-Kaħli**
Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li kieku l-Kunsill mexa pass pass u applika għal permessi neċessarji minn qabel u mhux minn ġurnata qabel . il-Kunsill kien ikun jafu bl-eżatt x'qiegħed issir f'dik it-triq minn rapporti li saru qabel u ma kienx jiġri li ġara fi Triq il-Kaħli.
Fir-rapporti jider ċar li hemm Main immarkat bl-aħmar li juri li sarulu diversi interventi.
Il-Kunsillier Alfred Grima ma jaqbilx mal-istaement li għamlet is-Sindku fuq il-medja socjali fejn kitbet li l-Kunsilliera qablu li ssir dik it-triq, għaliex hu ma kienx jaf li ma kienx hemm il-permessi neċessarji kif suppost. Anka fl-iskeda ta' Pagamenti item minnhom kien ta' €120 permess għal Road Works imma ħadt ma' semma li dan il-permess ma' ingħatax.

Il-Kunsillier Graziella Galea sostniet ukoll li kif rat il-marki fit-Triq bgħatet email issaqsi li Kunsill xinhuma dawn l-marki u li hi ma taqbilx li jsir ir-resurfacing ta din it-triq. Hi baqgħet mingħajr risposta.
Informat ukoll li wara li bdew ix-xogħolijiet ġibdet l-attenzjoni li kien hemm periklu u sostniet li ma sar xejn min-naħa tal-Kunsill. Is-SE weġbita li kien hemm korrispondenza twila dwar dan.

Is-SE spjegat li m'hemmx qbil bejn il-WSC u l-Kuntrattur fir-rati tal-framework.

Is-Sindku tipproponi li malli jkun hemm qbil fuq ir-rati tal-framework 2018, għandu jinbeda x-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-triq il-Kaħli wara l-festi. Il-Kunsillier Graziella Galea taqbel u tipproponi li l-Kunsill għandu jkollu time Frame ċar ta' meta ser jinbeda ix-xogħol u kemm ħajdum. Is-Sindku proponiet li ssir laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Kaħli sabiex jkunu nformati dwar x'ġara u xinhu pjanat li jsir.

Il-Kunsill qabel.

**Triq id-Duluri, Triq Għawdex**
Il-Kunsill qabel li la hemm deċizjoni mil-Kunsill li dawn it-toroq isirilhom patching dan għandu jsir mil-Kuntrattur inkarigat sakem ix-xogħolijiet ta' Triq il-Kaħli huma weqfien.
Il-Kunsill għandu japplika għal permessi neċessarji biex tinbeda Triq id-Duluri.

Il-Kunsillier Stephen Cremona ġibed l-attenzjoni dwar ħofra fit-tarf tan-nizla ta' Triq Toni Bajada. Din taqa' taħt il 50 metru kwadru u b'hekk għanda issir skond id-deċizjoni tal-Kunsill.

**73.10 - Kjarifiki u mistoqsijiet tal-Kunsilliera li ilhom xhur pendenti**
Il-Kunsillier Alfred Grima prezenta ammont ta' mistoqsijiet li dawn kienu ijlhom xhur pendenti. Il-mistoqsijiet u tweġibiet baqgħu mhux imwieġba

**73.11 - Ilmenti u emails imressqa mill-kunsilliera li ghadhom pendenti/injorati**
Il-Kunsillier Alfred Grima għamel referenza għal emails li bagħat u li għadom ma' sarux jew għadu ma sar xejn dwarhom. Il-kunsill qabel li item 73.10 u 73.11 jerġgħu jitniżżlu fl-Agenda tal-laqgħa li jmiss

**73.13 – Temi Oħra**

**Harġa Kurturali**
Il-Kunsillier Antoinette Bezzina nformat il-Kunsill li ser ikun hemm ħarġa oħra tal-anzjani nhar il-Gimgħa 14 ta' Diċembru 2018 fejn ser tikkonsisti minn:

-Quddiesa fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Il-Balluta
-Zjara fil-kumpless The Point Shopping Mall, Tas-Sliema
-Buffet Lunch f'The Plaza Hotel, Tas-Sliema
-Transport

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa kif qedin jintazlu dawn ir-Restaurants. Il-Kunsillier Bezzina spjegat li huwa l-irħas u l-aħjar għal aċċess tal-anzjani

**Next Bike**
Is-Sindku qrat il-korrispondenza dwar in-Next Bike u Transport Malta.
Id-deċiżjoni kienet, li qabel issir il-ħlas jiġi żgurat li TM sodisfatta b'dak propost mill-kumpanija.

**73.14 - Approvazzjoni ta Rapporti Finanzjarji**
Is-Sindku proponiet li l-Accountant tiġi waqt laqgħa tal-Kunsill u tgħati spjegazzjoni tar-rapport. Il-Kunsill qabel.

**73.16 - Tenders /Quotations**
Is-SE spjegat li prezentat id-dokumenti mitluba dwar Tender mil-PCRB.

**73.17 - Tmiem il-laqgħa u data/ħin ta' laqgħa li jmiss**
Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018.

<IFFIRMATA> <IFFIRMATA>

__________________________ ________________________

Anne – Marie Fenech
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv